

# San Gejtanu monumenti u statwi

Meta ngħidu 'Statwa ta' San Gejtanu' ġeneralment f'moħħna jew tiġi l-istatwa titulari tagħna xogħol Karlu Darmanin, jew l-istatwa ta' San Gejtanu fil-glorja ta' Alfred Camilleri Cauchi li titpoġġa fuq il-kolonna l-pjazza fil-jum tal-Ġimgħa fil-festa, jew inkella xi statwa ta' qies izgħar li bosta minna għandna fi djarna... statwi tal-kartapesta, jew tal-ġibs, jew rarament tal-injam jew taċ-ċeramika li ħafna drabi jew juru lil San Gejtanu waqt id-Dehra tal-1517, jew qed iħaddan/iżomm lill-Bambin (id-Dehra taħt forma oħra), jew bis-salib f'idu.

Fil-paragrafi li ġejjin u forsi aktar ukoll bl-istampi, sejrin nagħtu ħarsa lejn numru ta' statwi ta' San Gejtanu li jinsabu f'artijiet oħra fl-Ewropa.

Dan il-vjaġġ kif inhu xieraq jibda mill-Belt Taljana ta' Napli, fejn f'Misraħ San Gejtanu biswit il-Bażilika ta' San Paolo Maggiore u l-kripta fejn il-Qaddis jinsab midfun, hemm imwaqqaf monument lil San Gejtanu li jidher b'idejh miftuħin jilqa' lill-fidili u b'ħarstu lejn is-sema f'telfa ta' talba għall-ħarsien tal-Belt.

Dan il-monument sar b'ħajr għall-fatt li l-Belt inħelset mill-pesta tal-1656. Kienu t-Teatini stess li ħadu ħsieb iqabbdu lill-iskultur u arkitett Cosimo Fanzago (1591-1678) biex iwettaq il-proġett. Dan Fanzago kien artist ta' ħila u madwar Napli nsibu bosta xogħlijiet tiegħu tassew sbieħ. Il-monument ta' San Gejtanu nħadem bejn l-1657 u l-1664. Biss ix-xogħol ma ntogħġobx wisq mit-Teatini li xtaquh aktar trijonfali u żviluppat b'aktar għoli.



Ġara hekk li l-monument baqa' moħbi. Għaddew is-snin u tulhom inqalgħu ukoll problemi dwar fuq xiex kellu jitpoġġa. Saħansitra familja li kellha darha qrib ħolqot problemi għax sostniet li statwa fl-għoli setgħet taqa' fuq darha u tagħmel ħerba. Intant l-istatwa u l-kolonna fl-aħħar ġew inawgurati fl-1737, iżda xi għaxar snin wara l-istatwa ta' Fanzago nbidlet ma' xogħol ta' skultur ieħor aktarx Ruman.

Mill-belt ta' Napli nitilgħu lejn il-Belt ta' Ruma biex nagħtu ħarsa lejn tliet statwi ta' San Gejtanu li jinsabu fil-qalba tal-Belt Eterna.



L-ewwel statwa ta' San Gejtanu li se nghidu xi ħaġa dwarha hi dik li tinsab ġewwa l-Bażilika ta' San Pietru. Filfatt ġewwa l-Bażilika hemm numru ta' statwi kbar li kollha juru Qaddisin fundaturi ta' Ordnijiet Reliġjużi. San Gejtanu, fundatur tat-Teatini jinsab fosthom.
Din l-istatwa mill-isbaħ ta' San Gejtanu hija xogħol l-iskultur Carlo Monaldi (c1683-c1760). Saret fl-1738. Il-Qaddis jidher bħal donnu jwassal il-messaġġ tiegħu biċ-ċaqlieqa ta' idejh fejn naraw l-id il-leminija b'suba' jipponta lejn is-sema u l-id ix-xellugija b'suba' juri fid-direzzjoni ta' anġlu li jinsab f'riġlejn il-Qaddis. L-anġlu qed iżomm f'idejh ktieb miftuħ li fuqu jinqara l-kliem: QUAERITE PRIMUM REGNUM DEI ET HAEC OMNIA ADIJCIENTUR VOBIS. L-iskrizzjoni fuq il-pedestall issemmi li l-Qaddis Gejtanu huwa l-fundatur tal-Kjeriċi Regolari (Teatini).

Nibqgħu fil-Vatikan u minn San Gejtanu ta' ġewwa ngħaddu għal San Gejtanu ta' barra. Fuq il-kolonnat ta' mad-dawra ta' Pjazza San Pietru, naraw għexieren ta' statwi ta' qaddisin u fosthom insibu ukoll lil San Gejtanu.

L-istatwa ta' San Gejtanu fi Pjazza San Pietru saret fl-istess perjodu li Gejtanu Thiene ġie kanonizzat jiġifieri għall-ħabta tal-1671. L-istatwa hi parti minn grupp ta' 16 li tpoġġew bejn Awwissu 1670 u Marzu 1673. Hi tal-iskultur Taljan tal-perjodu Barokk, Lazzaro Morelli (1619 - 1690). Għaliha Morelli tħallas 80 skud. Hu aktarx li dam jaħdem fuq din l-istatwa għal tliet xhur bejn Jannar u Marzu tal-1671.



San Gejtanu jidher qiegħed jikteb ir-regola tal-Ordni tat-Teatini mwaqqfa minnu. L-istatwa magħmula mit-travertina taqbeż bi ftit it-tliet metri bħala tul.



Ta' min jgħid li l-iskultur Morelli ħadem taħt Bernini u għandu diversi xogħlijiet importanti fosthom wieħed mill-anġli li hemm fuq il-pont ta' quddiem Castel Sant'Angelo.

Statwa oħra ta' San Gejtanu li nsibu fiċ-ċentru ta' Ruma hija dik li tinsab f'niċċa mal-faċċata tal-Knisja ta' San Andrea della Valle, li hija l-Knisja Ewlenija tal-Ordni Teatin.

Din l-istatwa tat-travertina li nħadmet bejn l-1664 u l-1666 turi ukoll lil San Gejtanu ma' anġlu ċkejken li qed iżomm ktieb biex il-Qaddis jikteb ir-regola Teatina.

L-iskultur li naqqax din l-istatwa huwa Domenico Guidi li twieled fl-1625 u miet fl-1701. Huwa meqjus bħala wieħed mill-iskulturi l-aktar importanti tal-era barokka.

Ta' min jgħid li bħall-iskultur Morelli, Guidi ukoll ħadem anġlu, l-anġlu bil-lanza, għall-pont ta' quddiem Castel Sant'Angelo.

Minn Ruma nitilgħu lejn il-Belt ta' Firenze fejn insibu l-Knisja ddedikata lil San Gejtanu u San Mikiel. Mal-faċċata ta' din il-knisja ukoll insibu niċċa bi statwa mill-isbaħ ta' San Gejtanu ġewwa fiha. Hi statwa xogħol tal-iskultur Ġermaniż Balthasar Permoser li twieled fl-1651 u miet fl-1732.

Għal darb'oħra naraw lil San Gejtanu fl-att li jikteb ir-regola tal-Ordni Teatina fuq ktieb li qed iżommlu anġlu ċkejken.

Inħallu l-Italja u mmorru sa Spanja fil-belt ta' Barcelona.

Hawnhekk niltaqgħu mill-ġdid ma' statwa oħra ta' San Gejtanu muri waqt li jikteb ir-regola Teatina. Hi statwa tal-iskultur tal-barokk Spanjol Andreu Sala li twieled circa l-1627 u miet madwar l-1700. L-istatwa nħadmet fis-snin 1685-1690. Għandha qies ta' 214 x 98,8 x 83 cm u tinsab fil-Museo Provincial de Antigüedades de Barcelona, fejn ilha mill-1879.





Minn Barcelona immorru Madrid fejn niltaqgħu ma' statwa oħra mill-isbaħ ta' San Gejtanu, li għal darb'oħra narawh bil-ktieb f'idejh akkumpanjat minn żewġ anġli żgħar.



Din l-istatwa hija xogħol l-iskultur Spanjol Pedro Alonso de los Rios imwieled Valladolid fl-1641 u miet Madrid fl-1702. Din l-istatwa tinsab f'waħda mit-tliet niċeċ misjuba fil-faċċata tal-Knisja ta' San Gejtanu mmexxija mit-Teatini ġewwa Madrid. Fiż-żewġ niċeċ l-oħra l-istess skultur għamel lill-Qaddis Teatin San Andrea Avellino u lill-Madonna tal-Grazzji.